MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 201/2003

**Avviz numru: 201/03 SM**

**Maltacom plc**

**vs**

**Geometric Services Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tmien Liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (LM1,608.44,0), ammont rapprezentanti minnha dovut in konnessjoni ma' diversi zewg servizzi telefonici in kwantu ghal elf, tlett mija u sebgha Liri Maltin u wiehed u tletin centezmu, (LM1,307.31,0), ghal telefon**

**bin-numru 248582 (akkont numru 10071010), u in kwantu ghal tlett mija u Lira, Liri Maltin u tlettax –il centezmu, (LM301.13,0), ghal telefon bin-numru 225741 (akkont numru 10059554), (kopja tal-prospetti relattivi hawn annessi mmarkati Dok A u dok B);**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-1 ta' Marzu tas-sena 2006 meta gew epprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------